MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 70/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Joseph Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf mija wiehed u tletin Euro u hames centezmi (€1,131.05) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lis-socjetà attrici skond Client Contract Number 320438 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2008 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba u bl-imghax legali

dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh tas-seduta, ma ikkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elf mija wiehed u tletin Euro u hames centezmi (€1,131.05), bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta' Ottubru 2008, id-data ta' l-ittra ufficjali, sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2008 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------